MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Numru. 112/2002
Kawza Numru. 81

**Il-Pulizija**
**(Spettur A P Miruzzi)**
**- vs -**
**Anthony Sultana bin Emmanuel u Carmela nee` Bugeja mwieled fis-17 ta' Lulju 1949 u li joqghod Nru 30, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' Numru 55249G (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat akkuzat fl-10 ta' Settembru 1997 gewwa 30 Triq il-Gnien Ghajnsielem, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda kellu fil-pussess tieghu Satellite Receiver ghamla Drake Type ESR250E numru tas-serje mhux maghruf minghajr ma kellu licenzja mahruga mid-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili u bi ksur tal-Kapitolu 49, Art. 3(1), Kap 9 Art 18 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati;

Wara li semghet li l-imputat kien ghamel min kollox biex ma jkunx inkriminat ghal dan ir-rejat u cioe` li jottempora ruhu, tapplika l-artikolu 22 tal-Kap 9 u tinzel taht il-minimu premess billi tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

Tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------